

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2016 – IPSO vs BĊE

(Kawża T-713/14) ⁽¹⁾

(“BĊE — Persunal tal-BĊE — Ħaddiema temporanji — Limitazzjoni tat-tul massimu ta' servizz tal-istess ħaddiem temporanju — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Interess dirett u individwali — Interess ġuridiku — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Ammissibbiltà — Nuqqas ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-organizzazzjoni sindakali rikorrenti — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2017/C 046/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Organizzazzjoni tal-impjegati mal-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (IPSO) (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Levi)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: inizjalment minn B. Ehlers, I. Köpfer u M. López Torres, sussegwentement minn B. Ehlers, P. Pfeifhofer u F. Malfrère, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u għall-annullament ta' att tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tat-20 ta' Mejju 2014 li jillimita għal sentejn it-tul massimu li matulu l-BĊE jista' juża s-servizzi tal-istess ħaddiem temporanju għall-kompiti ta' natura amministrattivi u segretarjali u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u għall-kumpens għadanni morali subit.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tal-20 ta' Mejju 2014 li jillimita għal sentejn it-tul massimu li matulu l-BĊE jista' juża s-servizzi tal-istess ħaddiem temporanju għall-kompiti ta' natura amministrattiva u segretarjali hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-BĊE għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll tliet kwarti tall-ispejjeż tal-Organizzazzjoni tal-impjegati mal-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (IPSO). L-IPSO għandha tbat i kwart tal-ispejjeż tagħha stess.*

⁽¹⁾ ĠU C 431, 1.12.2014.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2016 – Karp vs Il-Parlament

(Kawża T-833/16)

(2017/C 046/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Kevin Karp (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lambers u R. Ben Ammar, avukati)